# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 / 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru tmienja u tletin (38) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar is-17 ta' Marzu, 2015, fis-6:45pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| | | |
| SKUŻAT | Michel Farrugia | Kunsillier |

1 Il-laqgħa bdiet fis-06:45pm, billi ma kienx hawn *quorum*, u kien skużat Michel Farrugia li kien informa lis-Sindku illi kellu jkun imsiefer.

2 Anita Farrugia tat il-ġurament tal-ħatra ta' kunsillier lis-SE.

3 Dwar il-lampi tat-toroq maqtugħin fi Triq Karmenu Ciantar, Charlene Zammit qalet illi dawn se jieħu ħsiebhom il-kuntrattur tal-kunsill flimkien ma' dik tal-faċċata tal-Uffiċċju Parrokkjali fil-Pjazza tal-Knisja, ftit passi 'l bogħod.

4 Fi Triq Ħal Kirkop, se nivverifikaw jekk il-lampa li tinsab fuq arblu (fir-responsabbilita' tal-Korporazzjoni Enemalta, għadhiex kif kienet tħares lejn l-għelieqi flok fit-triq u se naraw f'hiex waslet it-talba tagħna biex tiżdied l-illuminazzjoni. Paul Spiteri f'dan il-waqt issuġġerixxa li f'din it-triq għandhom jitwaħħlu tabelli sabiex is-sewwieqa joqogħdu attenti li ma jaqsamx xi qanfud u jgħaffġuh.

5 L-applikazzjoni għall-illuminazzjoni fl-inħawi tax-Xatba l-Ħamra fuq arbli eżistenti mexxejniha mill-uffiċċju tagħna u tinsab quddiem il-Korporazzjoni Enemalta bil-għan li dawn il-lanterni jitwaħħlu fuq arbli eżistenti.

6 Diversi sidien tal-ħwienet irċevew l-ittra ta' twissija sabiex ma jħallux kaxxi tal-kartun itiru mar-riħ ma' kullimkien. Din l-ittra twissihom li l-KLM mhux se jittollera aktar dan in-nuqqas peress illi jistgħu jinvestu fi *trolley* tal-ħadid (jekk ma jkunux se jingumbraw il-bankina) biex ipoġġuh fih sakemm jgħaddi il-kollettur tal-iskart. Intant Paul Spiteri qal illi jikkonferma illi din irċevewha tal-ħwienet u qal li minn stima li għamlu huma stess dan jista' jiġihom madwar €200, minkejja li l-KLM ma' obbliga lil ħadd jagħmel din l-ispeċi ta' gaġġa.

7 Dwar l-iskema tal-proġetti kapitali, wara li s-Sindku u s-SE kienu iltaqgħu mal-*board* kienu ċemplulna u qalulna biex nattendu l-għada għaċ-ċerimonja li fiha tħabbru dawk li kienu se jibbenefikaw mill-għotjiet mill-Gvern Ċentrali. Intant is-SE kien attenda għal din iċ-ċerimonja, fl-assenza tas-Sindku li kienet imsiefra, u kienu approvati €30,000 biex jirnexxi il-proġett ta' qari għat-tfal fil-Bandli ta' Ġnien Onġi Onġella. Charlene Zammit, intant qalet illi għalina din l-aħbar kienet ta' solliev għax se naqtgħu parti mid-dejn tal-bandli filwaqt li noħolqu wkoll ix-*sheltered reading area*. Hija sostniet illi se nagħmlu l-almu tagħna biex nimmitigaw l-ispiża filwaqt illi t-tfal Imqabbin nagħtuhom mhux inqas mit-tfal ta' postijiet oħra. Intant dwar il-proġetti l-oħra li ma kkwalifikajniex għalihom, jiġifieri tal-ġibjun addizzjonali kif ukoll tal-iżvilupp tal-ġibjun eżistenti biex isir iċ-ċentru ċiviku, suppost din il-ġimgħa se toħroġ l-ewwel sejħa tal-fondi ewropej. Sadanittant, il-Perit William Lewis ta l-istimi lill-kunsill.

8 Dwar il-każ tal-ġibjun addizzjonali, intqal illi tawna erba' ġimgħat sabiex napplikaw formalment mal-*MEPA* għaliex inkella din titwaqqa'. Dan jimplika spiża ta' €1,260.00 biex inkunu nistgħu nikkwalifikaw fuq l-element ta' *'readiness'* għall-fondi inter/nazzjonali. Il-KLM iddeċieda li jidħol għal din l-ispiża għaliex fin-nuqqas li nipproċedu, nistgħu nitilfu kull opportunita' li nibbenefikaw minn dawn il-fondi ewropej.

9 Dwar il-problema tal-ilma tax-xita, is-Sindku qalet illi se nippruvaw inkellmu lill-Ministru Leo Brincat. Fl-istess waqt stiednet lis-SE u lill-kunsillieri sabiex jattendu għal laqgħa li se tinżamm nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 2015 mar-residenti ta' Triq George Martin u tat-toroq ta' wara l-ġibjun. Din il-laqgħa se ssir hemmhekk stess, fis-6:30pm biex nisimgħu id-diffikultajiet tagħhom.

10 Dwar il-ħarġiet li se jsiru mill-KLM, l-anzjani li jattendu għal-laqgħat tagħhom tal-*Caritas*, kienu infurmawna sabiex l-attivitajiet tagħna norganizzawhom ma' tagħhom "ħalli jinqalgħu biss darba fil-ġimgħa minn djarhom", iżda issa qalulna illi jixtiequ li l-ħarġiet tagħna ma jsirux ma' dawk tagħhom ħalli ma jitilfux laqgħat.

11 Dwar il-*Week-End Break*, is-Sindku qalet illi l-Lukanda Fortina għandhom *stop sales* fil-ġranet bejn is-17 u d-19 ta' April 2015, u għaldaqstant issa se nippruvaw insibu *weekend* f'Novembru biex nieħdu lir-residenti tagħna għall-din l-attivita'. Intant kien suġġerit sabiex nevitaw l-ewwel Ħadd ta' Novembru u nevitaw l-aħħar ta' Novembru. Għaldaqstant kien deċiż illi idealment dan isir bejn it-13 u l-15 ta' Novembru, 2015.

12 Il-*Coffee Morning* li kien organizzat mill-KLM fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara, kien suċċess. Is-Sindku qalet illi dan ridna nagħmluh bla ħlas, u ħriġna minn taħt biss €50. Intant kien hemm diskussjoni dwar jekk għandniex nixtru kikkri u platti tal-ħġieġ biex jibqgħu jintużaw f'okkażjonijiet futuri u ma jkollnix nixtru kull darba tazzi tal-*jablo.*

13 Paul Spiteri qal li hu għandu ċerti riżervi minħabba l-iġjene dwar il-proposta li jitwaddab ir-ravjul mill-gallarija tal-każini. Hawn Charlene Zammit serħitlu moħħu li kollox hu iġjeniku għax dan ir-ravjul se jitpoġġa fil-boroż. Dwar il-qliegħ li jista' jkun hemm mill-*bar* propost fis-seduta preċedenti, is-SE qal li jkun hemm bżonn li ssir *bye-law,* kif il-KLM għandu biex jorganizza il-korsijiet, avviżi fuq għamara tat-toroq eċċ. Intant id-diskussjoni kienet dwar jekk hux neċessita' li ssir l-arma tar-raħal fuq il-borża tar-ravjul. Is-Sindku qalet illi din l-attivita' reklamata fuq il-*facebook*, għandha diġa' *1,150 likes/goings*, u bħala *run-up* għaliha qed inniedu kompetizzjoni dwar l-aħjar platt ravjul li se jkollu l-aktar *likes*. Għal dawk illi jkunu jixtiequ ravjul *gluten/lactose free*, se naraw kif nipprovdu dawn il-prodotti. Kompetizzjoni oħra għan-nisa tad-dar li ħabbret is-sindku hija dik ta' *best home-made ravioli*. Se tagħtina daqqa t'id *Ms Lea Hogg*, u ser navviċinawha biex tkun waħda mill-ġurija. Intant kien deċiż li l-ħin li fih se jiġi mwaddab ir-ravjul ħelu mill-galleriji tal-każini se jkun is-1:00pm, nhar is-26 ta' April 2015.

14 Dwar it-tiswija tas-saqaf tal-Isptar il-Qadim, ser issir *press conference*. Is-Sindku qalet illi ser jagħmilha is-Segretarju Parlamentari, l-Onor Stefan Buontempo, fl-istess sit. Dan għaliex bil-għajnuna tal-Gvern Ċentrali, dan il-post reġa' ġie użabbli biex fih ikunu organizzati diversi korsijiet.

15 Kien hemm diskussjoni dwar id-*Defibrillator* li tawna ir-Reġjun tan-Nofs-in-Nhar biex jintuża Alla Ħares Qatt f'każ ta' bżonn. Is-SE qal li hu ħaddem dan l-apparat billi installalu l-batterija u diġa' hu disponibbli mill-uffiċċju tagħna. Pero' issa rridu insibu xi persuni li jkunu jafu jħaddmuh għaliex l-istess Reġjun se jkun qed jipprovdi kors għal min hu nteressat. Għaldaqstant, il-KLM se jkun qed jagħmel stedina lill-pubbliku sabiex min jitħajjar, inkunu nistgħu nirreġistrawh. Sadanittant, kienet eskluża l-iskola primarja bħala l-post li fih se jitpoġġa d-*defibrillator* u se niktbu lill-*Bank of Valletta* biex possibilment inpoġġuħ qrib ġnien pubbliku u wkoll quddiem il-*Football Nursery* f'każ li tinqala' emerġenza u fl-istess ħin l-apparat ikun

maqbud fuq il-*cameras* tas-sigurta'. Dan fl-isfond illi kienet se tintalab lir-Reġjun għotja ta' *cctv* apposta biex tipproteġi 'l dan l-apparat.

16 Dwar il-proposta ta' *u-shape barrier* fuq/taħt il-bankina fi Triq Valletta, irridu naraw jekk hux possibbli li ssir din mingħajr ma nostakolaw l-istess bankina peress li ntqal illi din il-parti tat-triq flimkien mal-bankina, hija dejqa ħafna.

17 Bħal issa qed isir l-uditjar tal-kotba għas-sena li spiċċat fil-31 ta' Diċembru, 2014 u qed isir xogħol fl-uffiċċju biex jintbgħatu dawk li jgħidulhom *circularisation letters* lill-kredituri u wkoll lid-debituri (reġjuni) minħabba ħlas ta' amministrazzjoni. L-eżerċizzju hu ttamat li jitlesta sal-ġimgħa d-dieħla u wara li jiddaħħlu l-aġġustamenti li jidhirlu xierqa l-uditur *Nexia BT* tkun tista' tingħalaq is-sena u nibdew indaħħlu t-tranżazzjonijiet tas-sena 2015.

18 Is-Sindku ħeġġet lill-kunsillieri li għadhom ma bagħtux l-artiklu tagħhom biex ikunu jistgħu jagħmlu dan sal-ħarġa tal-fuljett li jmiss. Intant għad fadal xi *artwork* tar-reklami x'jiddaħħlu, d-djarju tal-kunsill, u diversi avviżi oħra wkoll biex tkun finalizzata l-ħarġa li jmiss tal-fuljett.

19 Il-KLM iddiskuta l-ewwel draft tal-*Business Plan 2015-2017.* Dan ma kienx approvat u se jkun diskuss fil-laqgħa li jmiss ħalli jkun sottomess lill-awtoritajiet.

20 Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 496.

21 Minħabba l-*committments* li se jkollu l-pajjiż bl-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u r-*Referendum*, kif ukoll bil-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir, il-laqgħa li jmiss se tkun qed issir nhar l-14 ta' April 2015, fl-istess ħin.

Punti oħra:

22 Grace Marie Mallia tkellmet dwar il-*buffet breakfast* li se jsir nhar it-30 ta' April 2015, fl-istess lukanda li sar ftit taż-żmien ilu.

23 Dwar aktar attivitajiet li se jkunu organizzat mill-KLM kien hemm proposta oħra tas-Sindku li l-KLM itella' numru ta' Mqabbin il-Kroazja ma' *Hamilton Travel* għal €300 *half board* li bl-*excursions* b'kollox tista' titla €650. Intant qed nikkunsidraw illi wkoll il-KLM jorganizza mawra għal Sqallija għal erbat ijiem. Dwar l-aħħar proposta, intqal illi tista' tingħaqad magħna l-Parroċċa. Dwar il-mawra li ser tkun organizzata fi Sqallija issemmiet dik tas-Sibt 6 ta' Ġunju 2015 għal €127 għal kbar u €58 għal dawk bejn l-4 u l-14-il sena għal *Chiara Monte Gulfi* li se tkun tinkludi *6 course meal,* mawra fix-*shopping Centro Ibleo,* u żjara fejn jinħadem iż-żejt.

24 Il-laqgħa ntemmet fil-21:15pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*14/04/2015 minn:* | **Dr Charlene Zammit**<br>**Sindku** |